**16 ta' Jannar, 1992**

**Imħallef: -**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Nazzareno Bonnici

## Piena Pekunjarja – Penali – Konversjoni fi Priġunerija jew Detenzjoni

*Meta Qorti tiġi biex tikkonstata li multa jew ammenda ma tħallsitx ma għandhiex alternattiva ħlief li tikkonverti fi priġunerija jew detenzjoni, jew, jekk ikun għad hemm possibilità ta' dilazzjoni, tagħti żmien għall-pagament, iżda ma tistax tvarja dik il-multa jew dik l-ammenda, jew tikkanċellahom jew tissostitwixxi piena oħra.*

*L-istess f'każ ta' penali, il-Qorti tista' biss tikkonstata u tiddeċidi jekk il-persuna mressqa quddiemha kellhiex penali stabbilita f'sentenza*

*li għaddiet in ġudikat u, jekk fl-affermattiv, jekk kienx hemm morożità u inadempjenza u għal kemm-il ġurnata.*

Il-Qorti: –

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputati talli "matul dawn l-aħħar tliet xhur naqas li jikkonforma ruħu mas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mogħtija lilu fit-28 ta' Ottubru, 1988 fejn kien ġie ordnat mill-imsemmija Qorti biex jottempera ruħu mal-liġi fi żmien tliet xhur mid-data imsemmija taħt penali ta' ħamsa u għoxrin lira multa kuljum fin-nuqqas";

Rat is-sentenza ta' l-10 ta' Mejju, 1991 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet hekk:

"tiddeċidi billi ssib lill-imputat ħati skond l-artikolu 17 tal-Kapitolu 10, wara li rat is-sentenza datata 28 ta' Ottubru, 1988 fl-istess ismijiet; iżda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena millum a tenur ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152";

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti tvarja, tbiddel u timmodifika dik is-sentenza billi, fil-waqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lil Nazzareno Bonnici ħati talli naqas li jottempera ruħu mal-liġi fi żmien tliet xhur mid-data ta' l-ewwel sentenza (u ċjoè s-sentenza tat-28 ta' Ottubru, 1988) tirrevokaha, tħassarha u tannullaha fil-bqija u ċjoè fejn applikat l-art. 9 tal-Kap. 152, u minflok tikkomputa l-penali skond ir-rata prestabilita u b'hekk u b'kull mod ieħor timxi skond il-liġi;

Rat l-atti l-oħrajn, semgħet il-provi u t-trattazzjoni u kkunsidrat illi:

1. Il-fatti kienu fil-qosor dawn: Nazzareno Bonnici għamel xogħol ta' bini fil-fond 17 Barbara Street, Ħamrun mingħajr ma kkonferma ruħu mal-pjanti approvati mill-P.A.P.B. u b'hekk ġie li bena mingħajr il-permess rikjest. Minħabba f'hekk, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabitu, fit-28 ta' Ottubru, 1988, ħati tal-kontravvenzjoni relattiva, kkundannatu ħamsin lira multa (skond l-art. 17(3) tal-Kap. 10), u ordnatlu "sabiex fi żmien tliet xhur mil-lum iwaqqa' l-imsemmija kostruzzjoni taħt penali ta' ħamsa u għoxrin lira multa kuljum fin-nuqqas", u dana skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 17 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija. Bonnici ma ottemprax ruħu ma' l-ordni tal-Qorti u konsegwentement wara dawk it-tliet xhur bdiet tiddekorri l-penali, u ġie akkużat fl-imputazzjoni odjerna;

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali jikkonsisti filli l-ewwel Qorti enunċjat, applikat u interpretat ħażin il-liġi u tat piena li fix-xorta u fil-kobor tagħha ma kinitx dik ikkontemplata mil-liġi għar-reat li dwaru Bonnici nstab ħati meta lliberatu b'applikazzjoni ta' l-artikolu 9 tal-Kap. 152. Ir-rata tal-penali – Lm25 lira *per diem* – kienet **diġà ġiet iffissata** mill-Qorti fis-sentenza tat-28 ta' Ottubru,, 1988. Fil-fatt din kienet ir-rata minima; u minn dina s-sentenza tat-28 ta' Ottubru, 1988 ma sar ebda appell, u għalhekk dik is-sentenza għaddiet in ġudikat. L-istess Qorti, jiġifieri l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ma setgħetx sussegwentement tvarja dik il-penali jew addirittura, bħalma għamlet fis-sentenza li minnha qed isir dana l-appell, tikkanċellaha għal kollox. Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 17 jagħmilha ċara li l-Qorti, jiġifieri l-ewwel Qorti li tkun sabet ħtija u orndat lill-akkużat sabiex jikkonforma ruħu mal-liġi (okkorrendo billi jneħħi dak li jkun għamel), trid **tistabilixxi** r-rata tal-penali. Bħalma Qorti, meta tiġi msejħa biex tikkonstata li multa jew ammenda ma tħallsitx, ma għandhiex alternattiva

ħlief li tikkonverti fi priġunerija jew detenzjoni (jew jekk ikun għad hemm possibilità ta' dilazzjoni, tagħti żmien għall-pagament) iżda ma tistax tvarja dik il-multa jew dik l-ammenda jew addirittura tikkanċellahom u tissostitwixxi piena oħra billi tagħti *Probation* jew *conditional discharge*, hekk ukoll il-Qorti fil-każijiet bħal dak in diżamina tista' biss tikkonstata u tiddeċidi jekk il-persuna mressqa quddiemha kellhiex penali stabbilita f'sentenza li għaddiet in ġudikat u, jekk fl-affermattiv, jekk kienx hemm morożità u inadempjenza u għal kemm il-ġurnata;

3. Dan l-aggravju huwa ġustifikat, u din il-Qorti taqbel perfettament mas-sottomissjonijiet relattivi ta' l-appellant ċitati *verbatim* fil-paragrafu preċedenti. L-ewwel Qorti, wara li stabbiliet li l-imputat ma kinex ottempera ruħu mal-liġi fil-perijodu dedott fl-imputazzjoni, ma kellhiex ħlief li tikkomputa l-penali relattiva għal dak il-perijodu, u tikkundanna lill-imputat iħallas l-ammont riżultant;

4. Dan il-perijodu huwa indikat fiċ-ċitazzjoni bħala "matul dawn l-aħħar tliet xhur". Iċ-ċitazzjoni hija datata t-30 ta' Awissu, 1989. Mela t-tliet xhur rilevanti huma mit-30 ta' Mejju, 1989 sad-29 ta' Awissu, 1989, dawn iż-żewġ dati kompriżi;

5. Irriżulta li l-imputat ma kienx konformi mal-liġi, u soġġett għall-penali in kwistjoni, mit-28 ta' Jannar, 1989 ċjoè tliet xhur wara l-ewwel sentenza sat-28 ta' Jannar, 1991, meta rriżulta li kien ottempera ruħu ma' dik is-sentenza. għalhekk l-imputat ma kienx in ottemperanza ma' l-istess sentenza matul il-perijodu kollu rilevanti. Dak il-perijodu fih tnejn u disgħin (92) ġurnata li bil-ħamsa u għoxrin lira (Lm25) kuljum, iġib il-penali totali ta' elfejn u tliet mitt lira (Lm2300);

Għalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu li biha l-ewwel Qorti sabet lill-imputat appellat ħati skond l-artikolu 17 tal-Kapitolu 10 wara li rat is-sentenza datata 28 ta' Ottubru, 1988 fl-istess ismijiet, u tirrevokaha fil-bqija u minflok tikkundanna lill-imputat iħallas il-multa ta' Lm2300. Salva kull penali ulterjuri għad-29 ta' Awissu, 1989.